MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2006

Talba Numru. 206/2006

**Maltacom p.l.c. - C22334**

**Vs**

**Vince McIntyre - I.D. 12705A**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' sitt mija u wiehed u tletin lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm631.58c) rapprezentanti servizz tat-telefon bin-numru 21651349.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ sitt mija u wiehed u tletin lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm631.58c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**Av. Peter Borg Costanzi**
**Gudikant**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------